# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 25 ta’ Jannar 2022**

**Numru 8**

**Rikors Numru 1076/2020 TA**

**Oiltanking Malta Ltd (C-11026)**

**vs**

**Is-soċjeta` estera Kythira Marine SA reġistrata ġewwa l-Monrovia fil-Liberia kif rappreżentata lokalment mir-*Resident Agent* tagħha Camco Limited (C-4950) ta’ Camco Limited (C-4950) ta’ 25/16 Vincenti Builidings, Strait Street, Valletta VLT 1432.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta` attriċi tas-16 ta’ Novembru 2020 li permezz tiegħu ippremettiet u talbet is-segwenti:

“(1) Illi s-socjeta` rikorrenti toffri servizzi u facilitajiet ta’ hazna ta’ diversi tipi ta’ prodotti ta’ zjut inkluzi *LPG, Gas oil* u *Fuel Oil* li jingarru minn bastimenti li jhottu fil-u jghabbu fit-tankijjiet misjuba il-facilitajiet li jikkonsistu fit-*terminal* operat mill-istess socjeta` rikorrenti.

(2) Illi s-socjeta` rikorrenti ilha toffri dan is-servizz u topera dan it-terminal mill-1992.

(3) Illi s-socjeta` intimata hija s-sid tal-bastiment MV KYTHIRA, b'IMO numru ta' registrazzjoni 9417543 u li jtajjar il-bandiera Maltija.

(4) Illi fis-16 ta' Ottubru 2019, hekk kif il-bastiment MV KYTHIRA kien diehel gewwa l-facilitajiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex jirmigga mal-moll maghruf bhala *Jetty 2*, dan baqa' diehel f'forza kbira gewwa l-pjattaforma tas-*cement* li fuqha huma mibnija tnejn mill-*Loading Arms* li huma krucjali ghall-operat tas-socjeta` rikorrenti.

(5) Illi bhala konsegwenza ta' din il-kollizjoni mall-moll operat mis-socjeta` rikorrenti, u bis-sahha ta' dan l-impatt, il-bastiment MV KYTHIRA ikkaguna hsarat estensivi lill-moll, partikolarment lill-pjattaforma tas-*cement* li fuqha huma mibnija l-imsemmija *Loading Arms* kif ukoll hsarat lil-*Loading Arms* innifishom, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

(6) Illi bhala konsegwenza ta' dina l-kollizjoni, is-socjeta` rikorrenti sofriet mhux biss hsarat fizici sostanzjali fuq il-moll fejn sehh l-incident u l-*Loading Arms* u spejjez relattivi, izda l-istess moll ma setax jintuza kommercjalment, tant illi s-socjeta` rikorrenti sofriet telf ta' qliegh peress illi kellha twaqqaf kull operat minn u ghal gewwa l-istess moll. U dank if ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

(7) Illi l-incident fuq indikat sehh unikament b'tort, negligenza, imperizja, nuqqas ta' diligenza u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tal-bahar da parti tal-bastiment MV KYTHIRA u l-membri tal-ekwipagg tieghu fin-navigazzjoni u l-immanigjar tal-bastiment MV KYTHIRA.

(8) Illi s-sidien tal-bastiment MV KYTHIRA huma ghalhekk responsabbli u ghandha twiegeb ghad-danni u hsarat kollha sofferti mis-socjeta` rikorrenti ai termini tal-Artikolu 1045 et seq tal-Kap 16.

(9) Illi ghalhekk is-socjeta` intimate Kythira Marine SA hija responsabbli ghad-danni kollha ikkawzati lis-socjeta` rikorrenti.

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:"

1) Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` rikorrenti batiet u sofriet danni konsiderevoli bhala konsegwenza tal-habta tal-bastiment MV KYTHIRA mall-moll li jinsab fi hdan il-facilita` tal-istess socjeta` rikorrenti.

2) Tiddeciedi illi s-socjeta` intimata bhala sid il-bastiment MV KYTHIRA hija responsabbli ghall-hsarat ikkagunati lill-moll li jinsab fi hdan il-facilita` tas-socjeta` rikorrenti kif ukoll ghad-danni kollha ohra sofferti mis-socjeta` rikorrenti bhala kagun ta' din il-habta.

3) Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti bhala rizultat ta' dan l-incident, jekk ikun hemm bzonn bl-assistenza ta' periti perizjuri.

4) Tordna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lis-socjeta` rikorrenti d-danni hekk kif likwidati.

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta maħlufa tas-soċjeta` konvenuta tas-17 ta' Diċembru 2020 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"1. ILLI preliminarjament, ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici ghandu jiddikjara jekk hu kienx prezenti waqt l-okkorrenza tal-imsemmi incident u dana stante l-allegazzjonijiet li qeghdin isiru fil-konfront tas-socjeta` eccipjenti fir-rigward tal-allegat incident. Jekk jirrizulta illi r-rapprezentant tas-socjeta` attrici ma kienx prezenti waqt l-akkadut allura jfisser li tali fatti ma jafx bihom hu personalment u dan bi ksur tal-Artikolu 156(1)(a) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, is-socjeta` eccipjenti qeghda tinvoka l-eccezzjoni ta' nullita` skond l-Artikolu 789(1)(c) u (d) liema nuqqas u jew vjolazzjoni ma jista' qatt jissewwa taht l-ebda provvediment legali. Ghaldaqstant, is-socjeta` eccipjenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-azzjoni odjerna hija nulla;

2. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` attrici ghandha tindika liema provvedimenti legali jippermettulha tinnotifika l-kawza odjerna lil *resident agent* tas-socjeta` estera Kythira Marina SA u cioe` lil CAMCO Limited u dana stante li l-Artikolu 157 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi specifikament illi tali notifika ghandha ssir lill-Konvenut. B'dan in-nuqqas, is-socjeta` eccipjenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju;

3. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` eccipjenti Kythira Marine SA m'hijiex il-legittimu kuntradittur u dan minhabba li l-azzjoni mressqa mis-socjeta` attrici hija azzjoni *in rem*. Ghaldaqstant, is-socjeta` Kythira Marine SA ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju;

4. ILLI subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` attrici ghandha tipprova li s-socjeta` eccipjenti kienet sid il-bastiment MV Kythira (IMO 9417543) waqt l-allegat incident. Fin-nuqqas, is-socjeta` eccipjenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju;

5. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, t-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant is-socjeta` eccipjenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici;

6. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-incident ma sehhx bi htija tas-socjeta` eccipjenti u dan ghaliex l-incident sehh minhabba forza magguri li ma twegibx ghalih is-socjeta` eccipjenti u dan ai termini tal-Artikolu 1029 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant is-socjeta` eccepjenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici;

7. ILLI subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, u a kuntrarju ta' dak li ntqal fir-rikors odjern, l-incident *de quo* kien ikkawzat unikament minhabba tort u jew htija u jew negligenza u jew imperizja u jew nuqqas ta' imprudenza u jew nuqqas ta' diligenza tas-socjeta` attrici u jew tal-impjegati taghha li joperaw tali facilita` u minhabba f'hekk ghandhom jigu applikati d-dettami mnizzla fl-Artikolu 1031 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. In vista ta' dan, it-talbiet tal-attur ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

8. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma tezisti l-ebda responsabbilta` fuq is-socjeta` eccipjenti ghall-allegat danni u dan stante li l-istess incident sehh minhabba nuqqasijiet u ommissjonijiet da parti tas-socjeta` attrici u jew tal-impjegati taghha li joperaw tali facilita`. Ghaldaqstant ukoll, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha;

9. ILLI minghar pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` eccipjenti qeghda wkoll tikkontesta l-effett tal-incident u d-danni illi allegatament garrbet is-socjeta` attrici in segwitu ta' dan l-incident, u ghaldaqstant is-socjeta` attrici ghandha tressaq **kull prova valida skond il-liġi** sabiex tipprova:

    a. Il-kawżalita` bejn l-inċident mertu tal-kawża u l-allegat danni sofferti minnha;
    u
    b. Id-danni li allegatament sofriet in segwitu ta' dan l-inċident.

10. ILLI d-danni pretiżi mis-socjeta` attrici huma wkoll ikkontestati, u s-socjeta` attrici ghandha tressaq kull prova valida skond il-liġi sabiex tipprova t-telf illi allegatament sofriet in segwitu ta' dan l-inċident;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessibbli skond il-ligi."

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawża.

Rat in-noti ta' ossservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum fuq l-ewwlel tlett eċċezzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

*L-eccezzjoni abbazi ta' arikolu 156(1)(a) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.*

Dan is-subartikolu jiddisponi li l-Attur għandu jħejji "*dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment*". Dan jista' jittieħed li min jagħmel il-Kawża għandu jħejji dikjarazzjoni bħal din.

Huwa minnu li din il-parti l-liġi ssemmi lill-Attur. Bil-kelma Attur il-liġi tifhem, kemm persuna fiżika u kif ukoll korp b'personalita` guridika distinta, bħal ma huma l-kontedenti għal din il-Kawża. Il-Qorti tirrileva, li fil-każ ta' korp bħal dan, il-liġi tiddisponi f'Artikolu 181A. (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li "*Meta tiġi preżentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalità ġuridika distinta, ikun biżżejjed li wieħed iniżżel isem dak il-korp".*

U

*"(2) Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li għandha tinħalef skont il-liġi għandha, fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, tinħalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-*

*miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija".*

Dan ifisser li li kieku l-liġi kellha tiġi interpreta bil-mod ristrett kif tippretendi fl-ewwel eċċezzjoni s-soċjeta` konvenuta, jekk minn dawk il-persuni kollha li huma ammissibbli li jaħilfu skrittura ġudizzjarja ma jkun jaf personalment bil-fatti, dak il-korp qatt ma jkun f'qagħda li jippreżenta Kawża. Din il-Qorti temmen li l-għarfien tal-fatti ai fini ta' preżentata ta' skritturi f'każ ta' korp ġuridiku ma jfissirx li jrid ikun jaf il-fatti xjenza propja iżda jkun biżżejjed li l-fatti jkun sar jafhom b'indaġini li seta' għamel fost oħrajn anke bl-akkwist ta' informazzjoni li jkun ġabar minn terzi li setgħu kienu direttament involuti. Dan intqal anke fis-**Sentenza tal-Prim' Awla tat-30 ta' April, 2012 fl-ismijiet Josephine Saliba -vs- Joseph Fino u martu Sylvana Fino**. Din l-aħħar Sentenza kienet titratta pendenza bejn nies fiżiċi, mela kemm aktar tapplika fil-każ ta' korp morali fid-dawl tal-liġi fuq imsemmija.

Di piu` fil-kawża fl-ismijiet **Vella -vs Cefai tal-Appell Ċivili tal-4 ta' Novembru 1991 (Vol.LXXV.II.467)** dik il-Qorti kienet irriteniet illi meta f`ċitazzjoni jkun hemm vjolazzjoni tal-forma in kontravenzjoni tal-Art.156(1)(a) tal-Kap.12, eċċezzjoni tan-nullita` tista' tiġi milqugħa biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullita` preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat.

Inoltre l-Qorti kompliet tafferma li f`dawk il-każi huwa dejjem opportun li kemm jista' jkun għall-prattiċita` u sabiex tiġi evitata moltiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż

żejda, għandhom ikunu salvati l-atti ġudizzjarji, u għalhekk att ta' ċitazzjoni ġħandu jigi mwaqqa` u annullat biss għal raġunijiet gravi.

In-nullita` tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali. Il-prassi segwita mill-Qrati tagħna hija li formaliżmu esaġerat ilu ħafna li ġie mnaqqas u limitat u bir-raġun il-liġi qegħda tkun aktar inklinata li tillimita l-formaliżmu u n-nullitajiet ta' diversi forom (Ara Sentenzi fl-ismijiet **Fino -vs- Fabri nomine Qorti tal-Appell tat-28 ta' Frar 1997, Ellul -vs- Coleiro tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' Jannar 1994), Guillaumier Industries Ltd- vs- Fava et tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Ottubru 1998, Attard noe -vs- Galea tal-Qorti tal-Appell tat-12 ta' Mejju 1998 u Aquilina -vs- Cassar – Vol.LXXVI.IV.666**).

Di piu` l-eċċezzjoni msemmija jidher li din saret ex-ipoteżi tant li hija mibnija fuq l-osservazzjoni li " **Jekk jirriżulta** li r-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi ma kienx preżenti waqt l-akkadut allura jfisser li tali fatti ma jafx bihom personalment" (Emfasi tal-Qorti). Apparti dak diġa' aċċennat aktar 'l fuq jekk hemmx il-ħtieġa tal-preżenza għall-akkadut, il-Qorti tħoss li tali eċċezzjonijiet ma għandhomx jingħataw fuq konġetturi iżda fuq pjan rejali u konkret.

Għalhekk din l-eċċezzjoni ser tkun miċħuda.

*<u>In-notifika tal-iskrittura lir-resident agent tas-Socjeta` Kythira.</u>*

Fil-fehma tal-Qorti, jekk *r-resident agent* aċċetta li jirċievi l-atti għan-nom tas-soċjeta` konvenuta, mingħajr ma kien hekk debitament awtorizzat, kien messu irritornahom lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili. F'dak il-każ is-soċjeta` attriċi kien ikollha għalfejn tirregola ruħha ai fini ta' notifika. Iżda, il-fatt waħdu li s-soċjeta` attriċi għażlet li anke tikkonsegwi dawn il-proċeduri, tant li qed tikkontestahom, dan ifisser li materjalment l-atti waslu għandha u mhux biss, iżda daħlet risposta ġuramentata ossia nota ta' eċċezzjonijiet. Dan il-fatt waħdu jinnewtralizza din ix-xorta ta' eċċezzjoni. Dan ifisser li r-rikors wasal materjalment għand is-soċjeta` konvenuta li għażlet li twieġbu.

Dak li jimporta għal din il-Qorti hu, li l-parti titqiegħed f'pożizzjoni li tkun tista' tikkontesta u tiddefendi lilha nnifisiha mit-talbiet li jkunu qegħdin isiru kontra tagħha. L-importanti, li l-prinċipju ta' smiegħ xieraq ikun qiegħed jiġi rispettat. F'dan il-każ, din il-Qorti ma hi qed tara ebda dispett lejn dan il-prinċipju anzi huwa manifestament ċar fid-dawl tal-eċċezzjonijiet akkurati minnha magħmula, li s-soċjeta` kovenuta b'ebda mod ma ġiet imċaħħad lilha li tagħmel tali kontestazzjoni.

Għalhekk anke din l-eċċezzjoni ser tkun miċħuda.

*<u>L-azzjoni in rem</u>*

Is-soċjeta` konvenuta tikkontendi li ġaldarba qed tkun eżerċitata l-azzjoni *in rem* din kellha tkun indirizzata kontra l-bastiment u mhux kontriha bħala sid.

Jiġi mill-ewwel rilevat li r-rekwiżiti ġuridiċi rikjesti sabiex ikun jista' jingħad li l-azzjoni hija waħda in rem kienu spjegati f'għad ġmielu ta' Sentenza ta' dawn il-Qrati. Fost dawn hemm dik tal-**Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta April 2003 fl-ismijiet Valfracht Roro Line Limited -vs- Dr. Louis Cassar Pullicino noe**.

Il-Qorti elenkat numru ta' elementi li huma meħtieġa fil-każ ta' azzjoni *in rem*. Dawn huma s-segwenti:-

*"(a) kreditu li jaqa' taht wiehed mill-irjus imfissrin f'xi wahda mill-ligijiet imharsa bl-Ordinanza dwar it-Trasferiment tal-Gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Vici-ammiraljat – illum sostitwit bl-Artikolu 742B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' Att numru XIV tas-sena 2006;*

*(b) azzjoni mmexxija specifikatament kontra l-bastiment;*

*(c) il-prezenza tal-bastiment fit-territorju li jaqa' fil-gurisdizzjoni tal-Qorti; u*

*(d) iz-zamma tal-bastiment fil-gurisdizzjoni jew il-hrug ta' garanzija tajba bizzejjed biex kull sentenza li tista' tinghata kontra l-bastiment tista' tigi ezegwita".*

Ir-rekwiżiti msemmija hawn fuq huma meħtiega b'mod kumulattiv. Minn eżami tal-Kawża li għandha quddiemha jirriżulta li l-bastiment mertu tal-kawża ma kienx preżenti hawn Malta meta kien preżentat ir-rikors. U wisq anqas seta' jkun hemm iż-żamma tiegħu. Il-Qorti eżaminat ukoll li l-mod kif inhu

konfezzjonat ir-rikros ġuarment. Jidher ċar kemm mill-premessi u kif ukoll mit-talbiet, li l-azzjoni hija diretta kontra s-soċjeta` konvenuta u mhux kontra l-bastiment. Għalhekk huwa ċar għal din il-Qorti li l-azzjoni ittentata ma hiex wahda *in rem* iżda *in personam*.

Fl-aħħar nett il-Qorti tħoss ukoll li għandha tosserva, li għalkemm bastiment huwa meqjus li għandu personalita` ġuridika ai fini ta' promozzjoni ta' azzjoni meta jkun jirrikorru l-elementi kollha fuq imsemmija, l-fini aħħari dejjem ikun, li persuni fiżiċi ultimament iridu jiffaċċjaw, jekk mhux l-azzjoni fiha nnifisha, l-effetti tagħha fuq il-beni u patrimonju tagħhom.

F'dan ir-rigward huwa rilevanti li din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jgħid il-kompjant Professur J.M Ganado f'artikolu intitolat **'Jurisdiction and Actions by Mortgagees'**:

"*the majority of actions in rem are meant for the enforcement of obligations and according to the traditional classification of actions are in fact personal actions……it is a proceeding against a res, the purport of the proceeding is largely perceived as a procedural device by which to coerce a res owner to enter an appearance to an action, as a means of providing security in respect of the claim advanced". Ikompli jispjega li l-azzjoni in rem ma hiex dirett kontra "…. the wrongdoing of the ship personified as an offender, but was a means of bringing the owner of the ship to meet his personal liability by seizing his property."* (Ara **Id-dritt 1977 pg. 62**).

Għalhekk il-Qorti tkun qegħda tiċħad ukoll din l-eċċezzjoni.

**Decide**

Għaldaqstant il-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi il-vertenza li għandha quddiemha bil-mod segwenti:

**Tiċħad l-ewwel tlett eċċezzjonijiet** tas-soċjeta` konvenuta u konsegwentement tordna l-prosegwiment tal-Kawża.

Spejjeż ta’ din l-istanza a’ karigu tas-soċjeta` konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**